# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-5 ta' Dicembru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 246/2022 CL

**Awtorita tad-Djar**

**VERSUS**

**Rita Mercieca (KI nru 772058M) u Carmel Mercieca (KI nru 486459M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar it-23 ta' Awwissu 2022 fejn l-Awtorita tad-Djar talbet sabiex il-konvenuti jhalsu s-somma ta' erbat elef u disgha u hamsin euro (€4,059) liema ammont kien inhareg b'sussidju mill-Awtorita. Skond il-kuntratt datat 23 ta' Jannar 2008 Il-konvenuti xtraw 71.43% tal-fond fond nru 90, Alfcar, Flat 1, Triq Emanuel Benjamin Vella, Birkirkara, permezz tal-iskema tal-Equity Sharing offruta mill-Aworita li xtrat is-sehem rimanenti ta' 28.57% tal-fond. Il-konvenuti kellhom jersqu ghax-xiri tas-sehem rimanenti sa mhux aktar tard mit-23 ta' Jannar 2018. L-Awtorita ghandha dritt li tifissa u titlob kumpens ghall-okkupazzjoni tal-post, li gie iffissat fl-ammont ta' disgha mija u zewg Euro (€902) fis-sena u ghalhekk l-Awtorita hija dovuta €4059 skond diversi invoices li harget l-awtorita (Dok C).Ghalhekk talab lit-Tribunal sabiex jordna lill-konvenuti in solidum, li huma ingunti ghas-subizzjoni, ihallsu d-dejn ta' erbat elef u disgha u hamsin euro (€4,059) li huwa cert, likwidu u dovut, bl-ispejjes u bl-interessi inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuti naqsu milli jipprezentaw risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan, ghalkemm fis-26 ta' Ottubru 2022, il-konvenuta Rita Mercieca dehret mhux assistita fejn infurmat lit-Tribunal illi r-ragel jinsab msiefer. L-Awtorita tad-Djar ipprezenta nota b'affidavit u dokumenti u iddikjara li ghalaq il-provi. Ghalhekk il-kawza thalliet sabiex l-Awtorita tad-Djar tipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet, li giet ipprezentata fit-3 ta' Novembru 2022 u notifika tal-konvenuti, li jkollhom d-dritt li jirrispondu ghal din in-nota.

Ra illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2022, giet ipprezentata nota tal-konvenuti li permezz taghha ammettew it-talba kif dedotta.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuti gew debitament notifikata bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il- konvenuti la resqu risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u ghalhekk il-konvenuti, kienu fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 2022.

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

Illi kif diġa ġie senjalat hawn fuq, il-konvenuti għażlu li jjammettu t-talba fil-konfront tagħhom. Huwa indubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima*" Għalhekk, f'każ fejn din isseħħ, idejn it-Tribunal ikunu marbuta u jkun jista' biss jilqa' t- talba.

Illi din l-ammissjoni saret mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni.

Illi għalhekk, in vista ta' dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill- proċess sħiħ, it-Tribunal sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-Talba kif dedotta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-Awtorita u konsegwentement jikkundanna lil-konvenuti jhallsu lill-istess Awtorita s-somma ta' erbat elef u disgha u hamsin euro (€4,059) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mit-23 ta' Awwissu 2022[1] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri inkluz tal-mandat tas-sekwestru, ghandhom jithalsu mill-konvenuti.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

1Data tal-preżentata tat-talba odjerna.